# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 155/2023: **MICHAEL DEBONO LIMITED (C10002) V. AIVA ANANKAITE (KI. 187202A) U SHYAMUEL S. LAIRIKYEGBAM (KI. 186103A)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GĦAS-SUBIZZJONI - IS-SOLIDARJETA' M'HIJIEX PREŻUNTA F'OBBLIGAZZJONIJIET ĊIVILI IŻDA HIJA PREŻUNTA GĦALL-GARANTI TA' OBBLIGAZZJONIJIET KUMMERĊJALI UKOLL JEKK MA JKUNX KUMMERĊJANT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Michael Debono Limited (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2023[1] li permezz tiegħu talbet lil Aiva Anankaite (hawn imsejjħa "l-intimata") u lil Shyamuel S. Lairikyegbam (hawn imsejjaħ "l-intimat" u flimkien mal-intimata msejjħa "l-intimati") sabiex jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġi kkundannati mill-Qorti illi:

> **'tħallas lill-esponenti s-somma ta' tnax-il elf, sitt mija u sbatax-il ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€ 12,617.36) b'referenza għall-bejgħ tal-vettura ossija Toyota Yaris Icon HSD (YH7 842) WLTP 5dr HB 1.5 VVT-I CVT b' Chassis Number VNKKD3D20A559117 kkonsenjata lilek skond PCP Personal Contract tal-10 ta' Mejju 2019, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A", oltre l-imgħax legali, rappreżentanti in kwantu f'bilanċ ta' kapital u interessi li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu u dan skont id-dokument hawn anness u mmarkat bħala "Dok B" u dan kif kont interpellat thallas skont l-Ittra Ufficiali mibghuta lilek ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata fit-30 ta' Marzu 2023 li qieghda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok C".**

---

[1] Fol 1-18

**Illi r-rikorrenti tagħmel referenza wkoll għall-Mandat ta' Sekwestru hawn anness u mmarkat bħala "Dok D", li kellu jiġi intavolat mis-soċjetà esponenti sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tagħha bħala kreditriċi tiegħek;**

**Illi minkejja li int ġejt interpellata ripetutament biex tħallas l-imsemmi ammont dovut, int bqajt inadempienti u bqajt ma ħallastux. Għalhekk kellha ssir din il-kawża kontrik.**

**Bil-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali u tal-Mandat ta' Sekwestru, u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li qed jiġi minn issa ingunt għas-subizzjoni"**

wara li rat li bl-Ordni tagħha tat-23 ta' Ġunju 2023[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimati sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilhom tar-rikors u tal-Ordni u inoltre appuntat il-kawża għas-smigħ għas-6 ta' Novembru 2023,

wara li rat li l-intimati ġew notifikati skont il-liġi fit-13 ta' Marzu 2025[3],

wara li rat illi l-intimati baqgħu ma' daħħlu l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilhom,

wara li rat li fl-ewwel seduta sussegwenti, ċioe dik tal-5 ta' Mejju 2025 l-intimati ma dehrux u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tagħhom[4],

wara li rat illi l-intimati għal darb' oħra naqsu milli jidhru fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2025[5],

wara li semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mill-intimati s-somma ta' € 12,617.36 rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' vettura mibjugħa lill-intimata fuq ordnijiet tagħha stess u liema prezz baqa' ma tħallasx, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż. Il-bejgħ sar bis-saħħa tal-ftehim *"PCP Personal Contract"* datat 10 ta' Mejju 2019[6].

---

[2] Fol 20-21
[3] Ossia fit-tielet ġurnata ta' xogħol wara l-aħħar pubblikazzjoni a fol 79
[4] Fol 48-49
[5] Fol 88
[6] Fol 5-10

2. L-intimati, notifikati skont il-liġi, baqgħu ma' daħħlu l-ebda risposta u ma dehru għall-ebda seduta.

3. Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2025 l-intimati ma dehrux u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tagħhom[7]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimati '*tipprovaw bil-ġurament li huma debituri tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimati għad-19 ta' Mejju 2025.

4. L-intimati għal darb' oħra naqsu milli jidhru fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2025 u dan sabiex iwieġbu għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimati f'din il-kawża**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

> **'171 (2). Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'**

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

> **'215. Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'**

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> **'702 (1). Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'**

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

> **'699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.**

---

[7] Fol 48-49

> **(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'**

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> **'713. Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'**

10. It-talba għas-subizzjoni tal-intimati saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2025.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

> **' 702 (3)(b) ... il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'**

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimati fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2025, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tad-19 ta' Mejju 2025 sabiex l-intimati jwieġbu għad-domanda tar-rikorrenti.

13. Meta fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2025 l-intimati naqsu għal darb' oħra milli jidhru sabiex iwieġbu għad-domanda tar-rikorrenti huma effettivament ammettew illi huma debitruri tar-rikorrenti fir-rigward tas-sorte u l-ispejjeż għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

> "din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

15. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **<u>Noel Sultana v. Tony Xerri</u>** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> "huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process."

16. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

> "ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti."

17. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Dr. Carl Grech**, in rappreżentanza tal-kumpanija rikorrenti, mogħtija fid-19 ta' Mejju 2025. Fost affarijiet oħra huwa spjega l-mod kif jopera l-ftehim in kwistjoni u qal li l-ammont kollu għadu dovut sal-lum il-ġurnata. Spjega ukoll illi r-rikorrenti intavolat ittra uffiċjali kontra l-intimati (flimkien ma mandat ta' sekwestru kawtelatorju) maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 16 iżda din baqgħet qatt ma ġiet notifikata lilhom u għalhekk infetħet din il-kawża. Huwa esebixxa rendikont a fol 89.

18. Skont il-ftehim iffirmat fl-10 ta' Mejju 2019 il-prezz miftiehem tal-vettura kien dak ta' € 18,852.01 li minnu tħallas depożitu ta' € 1,600 dakinhar tal-kuntratt. Mill-bilanċ, l-ammont ta' € 9,500 jirrappreżenta l-prezz minimu garantit futur (GMFV value) tal-vettura. Il-bilanċ rimanenti, ossia € 7,752.01 flimkien mal-imgħax kellu jitħallas f'35 pagamenti mensili ta' € 278-il wieħed u pagament wieħed finali ta' € 264.34. Kellu jsir ukoll pagament ieħor finali tal-prezz minimu garantit futur ossia dak ta' € 9,500. Inħarġu kambjali biex jkopru l-iskadenzi mensili tal-ħlasijiet.

19. Mir-rendikont esebit jirriżulta illi l-ħlasijiet mensili saru xi ftit jew wisq b'mod regolari fl-ewwel sentejn, imbagħad bdew isiru ftit iżjed bil-mod sakemm fis-17 ta' Marzu 2022 l-intimata ħallset is-somma ta' € 254 mill-iskadenza ta' € 278. B'kollox għalhekk l-intimata ħallset € 7,760 rappreżentanti kemm sorti u kif ukoll l-imgħaxijiet. Jirriżulta illi r-rikorrenti qed titlob l-ammont ta' € 11,710.34 (rappreżentanti *"Expired Bills"*) flimkien ma € 883.02 (imgħaxijiet fuq l-*"Expired Bills"*) u € 24 (il-bilanċ dovut fuq l-iskadenza numru tmienja u għoxrin) għall-ammont totali ta' **€ 12,617.36** li huwa għalhekk dovut mill-intimata.

20. Fir-rigward tal-intimat, dan iffirma l-ftehim in kwistjoni bħala garantit solidali mal-intimata. F'dan ir-rigward skont l-Art. 115 tal-Kap. 13:

> **'115. (1) Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati *in solidum.***
>
> **(2) L-istess preżunzjoni tgħodd għall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummerċjant, illi jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni kummerċjali.'**

21. Fil-każ in eżami si tratta ta' att ta' kummerċ u kwindi għal obbligazzjonijiet ta' natura kummerċjali u dan ifisser li s-solidarjetà bejn l-intimati hija waħda preżunta apparti li tirriżulta b'mod espress mill-ftehim inniffsu.

22. Għalhekk l-ammont in kwistjoni huwa ukoll dovut mill-intimat.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqà t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u dan billi tiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf, sitt mija u sbatax-il ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€ 12,617.36). Dan l-ammont jinkludi l-imgħaxijiet li laħqu ddekorrew sal-mument tal-aħħar ħlas li sar mill-intimata. Naturalment ir-rikorrenti għandha kull dritt li titlob l-imgħaxijiet legali (fuq il-prinċipal biss) li laħqu ddekorrew minn dak iż-żmien 'l quddiem u li jibqgħu jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament.**

    **Bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |